MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH A. APAP BOLOGNA**

Seduta ta' l-14 ta' Marzu, 2011

Avviz Numru. 827/1994/1

**Maria mart George Borg u Julian, Joseph, George, Emanuel, Albert, Maria mart Charles Grech u Mary Grima mart Anthony Scerri lkoll ahwa Micallef.**

**Vs**

**Lourdes armla ta' Alfred Darmanin**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in ezami li bih l-atturi talbu sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex tkun ikkundannata li tizgombra minn dawk l-ambjenti tar-razzett 13, Triq il-Furrajna, San Gwann li qatt ma kienu mikrija lil konvenuta u li hi qed tokkupa kontra l-volonta tal-atturi u minghajr titolu ta' kera;

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Settembru 1994 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Ghal fini ta' kompetenza jigi dikjarat illi l-valur lokatizju ma jeccedix l-ghaxar liri (Lm10) fis-sena.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 10 tal-atti) u li biha eccepiet umilment:

Illi l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante:

a. Illi s-sidien originali tal-fond Bartolomeo Darmanin u Marianna Darmanin kienu krew il-fond inkwistjoni 13 Triq Il-Farrajna, (dak iz-zmien Tomna Lane) San Gwann bil-kera ta' Lm10.00,0 (ghaxar liri) fis-sena lil bihom Alfred u martu Lourdes kif jigi pruvat mill-ktieb tal-ircevuti.
b. Illi wara l-mewt tal-istess konjugi Darmanin il-kera baqghet tithallas lill-werrieta li kienu jaqsmuhom.
c. Illi ghalhekk l-esponenti ghandha titolu legali ta' lokazzjoni.

Illli stante li dan il-fond huwa kopropjeta tal-atturi u wlied il-konvenuta ghaldaqstant din l-azzjoni mhix dik valida izda trid issir l-azzjoni ta' divizjoni.

Salve eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni da parti tad-difensur tal-attur.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif jidher mill-eccezzjonijiet in esami l-konvenuta qed tallega li tipposjedi, l-ambjenti in esami b'titolu ta' <u>kera</u> billi Bartolomew Darmanin u Marianna Darmanin kienu krewhom lil binhom Alfred u martu Lourdes, din tal-ahhar il-konvenuta, bil-kera ta' Lm10.00,0 fis-sena' . Dwar dan il-punt, jidher li kellu jkun hemm inversjoni tal-provi (ara fol

14 ibid) billi, suppost tenut kont tan-natura ta’ din l-eccezzjoni kien jinkombi fuq il-konvenuta li tipprova t-titolu allegat minnha.  Pero’ filfatt, quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta tali inversjoni ma jidhrix li giet segwita.

Illi l-attrici (fol 15 et u fol 49 seq ibid) wara li spjegat x’kien it-titolu tal-atturi fuq il-fond in kwistjoni waqt li l-konvenuta hi l-armla ta’ huha, kompliet billi qalet li l-istess post ghandu tlett bibien, wiehed bin-numru 13 u t-tnejn l-ohra ‘jaghtu ghal go Tomna Lane’.  Meta huwa ossia r-ragel tal-konvenuta kien ghadu haj, il-genituri kienu krew lil dan, bl-isem ta’ Fredu, zewgt ikmamar bil-kera ta’ Lm10 fis-sena. Dwar din il-kirja kien hemm ktieb tal-kera.  Inoltre fil-parti rimanenti kienet tirrisjedi ommha.  Mal-istess omm, li mietet fl-1989 jew madwar, il-konvenuta kienet ukoll tirrisjedi ma ommha peress li bejn il-parti mikrija u dik rimanenti, mhix mikrija kien hemm access bejniethom izda il-kirja kienet tirriferi biss ghaz-zewgt ikmamar msemmija. Eventwalment, il-konvenuta hadet kullimkien.  L-attrici kompliet issostni li l-kirja favur il-konvenuta kienet tkopri biss zewgt ikmamar li ghandhom bieb ghal barra separati.

Illi l-attrici ppresentat diversi ‘affidavits’ ta’ xhieda kif ser jighad:-

a) Emanuel Micallef (fol 19 ibid) bin oht l-attrici, sostna ukoll illi meta hu kien joqghod fil-post man-nanniet tieghu, il-konvenuta u zewgha kienu joqghodu f’zewgt ikmamar li kellhom bieb separat sabiex wiehed jidhol fil-parti tar-razzett in kwistjoni okkupata minn nanniet, kien hemm bieb iehor separat li jaghti ghal go Tomna Lane’. Meta in-nanniet kienu mietu is-sitwazzjoni baqghet l-istess.  Meta’ pero’, kien miet in-nannu, iz-zewg subien tal-konvenuta bdew jorqdu fil-parti okkupata minn nanna u dan ghall-iskop ta’ ‘wens’ u sussegwentement anke tfal ohra tal-konvenuta.  Meta mietet in-nanna, jidher li qamet diskussjoni dwar il-wirt tan-nanniet minhabba li ulied il-konvenuta bdew jsostnu ‘… li hemmhekk kien taghhom’ u ‘… li ahna m’ghandna xejn mir-razzett’.  Ix-xhud sema’ li l-konvenuta, kellha mikri lilha, zewgt ikmamar biss waqt li kemm hi kemm ulied il-konvenuta kellhom terz (1/3) kull

naha. Inoltre dawn iz-zewg ikmamar kienu fl-istess pjan vicin xulxin u, meta l-konvenuta u zewgha kellhom tfal ‘u kumdita’ ta’ fejn iraqqadhom ma kellux’ l-istess nannu kien ghaddhielu … l-ghorfa u terrazzin. ‘ Inoltre, ir-ragel tal-konvenuta, wara l-mewt tan-nannu, kien ta’ bicca mill-bitha u bena kamra tal-banju. Fl-ahhar nett hu semma li bejn il-parti mikrija lill-konvenuta u dik okkupata minn nanniet kien hemm bieb li kien jinzamm maqful b’firrol fuq in-naha tal-kmamar ‘taz-Ziju Fredu’, liema bieb pero’, kien tnehha (ara ukoll l-‘affidavit’ ta’ George Micallef a fol 22 et seq ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenuta (‘affidavit’ a fol 26 u fol 37 et seq ibid) issostni li meta izzewget, kienet marret tirrisjedi mal-genituri taghha fir-razzett u zmien wara dawn ‘…. Huma hasbu biex jaghmluli l-ktieb tal-kera’. Inoltre hi kienet tokkupa u tuza l-post kollu u bil-kunsens ta’ omm zewgha kienet tellghet kamra tal-banju kif ukoll hadet hsieb li ddahhal dawl u ilma fil-post. Meta giet riprodotta ‘viva’ voce’, il-konvenuta, hi qalet li ‘….kellna zewgt ikmamar … (li)… tghaddi ghalihom minn go sqaq’. Inoltre ‘Dawk iz-zewgt ikmamar ahna konna nhallsu kera ta’ Lm10.00,0 fis-sena’. Inoltre meta nghatat l-ghorfa, li giet irrangata minnha, il-kera baqghet l-istess. Dawn iz-zewgt ikmamar ma kienux jinfdu mal-bqija tar-razzett peress li kien hemm bieb imbarrat bl-injam, liema bieb, aktarx, kien tnehha minn zewgha. Hawnhekk il-konvenuta kienet qalet ‘Mistoqsija fejn krewna jiena nghid fejn naf’ u ‘Mistoqsi xi krewli nirrispondi li ma krewli xejn. Ghamluli l-ktieb tal-kera biss’. Waqt li kienet tuza l-post kollu. Dwar jekk kienx mikri l-post kollu, hi wiegbet li ‘ma nafx’.

Illi Christopher Darmanin (fol 25 ibid) bin il-konvenuta xehed li ghadu joqghod fl-istess post u jorqod fil-kamra fejn kienet torqod nanntu (ara ukoll l-‘affidavit’ ta’ Josette Vella a fol 27 u l-istess xhud ‘viva voce’ a fol 49 et seq ibid u l-‘affidavit’ ta’ Albert Darmanin a fol 28 ibid).

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher mill-eccezzjonijiet sottomessi mill-konvenuta (fol 10 ibid), hi qed tallega illi l-genituri ta' zewgha kienu krew il-post kollu lir-ragel tal-konvenuta. Inolte wara li mietu l-istess genituri, il-kera ta' Lm10 kompliet tithallas lill-werrieta. Kif di gja ntqal, dak li gie eccepit in rigward it-titolu allegat kellu jigi pruvat mill-istess konvenuta. Dan premess, jidher car il-kirja kienet tirriferi ghal u tkopri biss zewgt ikmamar u mhux ghall-post kollu kif qed tippretendi l-konvenuta, li wiehed jista' jghid akkapparatu kollu wara l-mewt tal-istess nanniet. Ghalhekk din l-eccezzjoni ma tistax tigi akkolta u l-konvenuta ghandha tohrog '.. minn dawk l-ambjenti … li qatt ma kienu mikrija lilek u li int qed tokkupa kontra l-volonta tal-atturi u minghajr titolu ta' kera'. Dwar dan il-punt trid issir referenza ghal dak verbalizzat a fol 71 u fol 72 tal-istess atti fejn jinghad illi l-atturi ghandhom jippresentaw pjanta tal-post kollu u li fuqha jigu murija dawn 'l-ambjenti' u l-kmamar mikrija lill-konvenuta izda dwar dan kien hemm l-opposizzjoni da parti tal-konvenuta. Xorta wahda pero, din il-Qorti ser tghaddi sabiex taghti din is-sentenza.

Illi jigi nottat, ukol, illi hemm eccezzjoni ohra li tghid illi peress li l-istess post hu kompropjeta tal-atturi u ulied il-konvenuta din l-azzjoni ma hiex valida izda trid issir azzjoni ta' divisjoni. Dwar din, il-konvenuta qatt ma spjegat il-ghala din l-azzjoni ma hiex valida fil-ligi. Inoltre azzjoni ta' divisjoni ma hiex ta' kompetenza ta' din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex, sal-14 ta' Gunju 2011, tizgombra minn dawk l-ambjenti tar-razzett f'13, Triq il-Furrajna, San Gwann li qatt ma kienu mikrija lilha u li qed tokkupa kontra l-volonta tal-atturi u minghajr titolu ta' kera u dan ad eccezzjoni taz-zewgt ikmamar, hawn fuq indikati. In rigward l-ispejjes ta' din il-procedura inkluzi dawk tal-ittra legali tas-16 ta' Settembru 1994, dawn kollha jithallsu mill-istess konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------